XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 401*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 29*
*Il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru, 2009*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-7.00pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Dr. Marthese Portelli*
*Mr Hubert Saliba*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 400 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

**1. Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ**

Kif kien diskuss fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, il-Viċi Sindku bagħat l-informazzjoni dwar erba' żgħażagħ biex ikunu parti mis-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ fi ħdan il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħat ukoll lill-membri kollha tal-Kunsill l-informazzjoni dwar kif għandu jitmexxa Sotto Kumitat. Iż-żgħażagħ nominati huma Elaine Zammit Haber, Charlene Debrincat, Luke Galea u Michael Gatt. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn għandhom jiġu aċċettati biex jiffurmaw is-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ. Il-Viċi Sindku ser ikun ic-Chairman u għalhekk se jieħu l-inkarigu biex jibda jlaqqgħa dan is-Sotto Kumitat. Il-membri kollha tal-Kunsill ser ikunu nformati meta ser isiru l-laqgħat u b'hekk minn ikun interessat jista' jattendi wkoll.

**2. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6-21**

Is-Sindku iddikjarat interess pekunjarju waqt li kien qed jiġi approvat il-kont ta' Francis Vella dwar servizz ta' tilqim kontra l-influwenza u għalhekk ħarġet mill-kamra tal-laqgħat f'dan il-ħin. F'dan il-ħin il-Viċi Sindku kompla imexxi l-laqgħa.

Is-Sindku rritornat fil-kamra tal-laqgħa fejn tkomplew jiġu approvati l-kontijiet l-oħra skond kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru 6-21.

**3. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**
**Mill-Korrispondenza**

i. Edgar Chircop ta' Greenpak informa lill-Kunsilli Lokali dwar laqgħa li ser issir għas-Sindki dwar l-iskemi ta' ġbir ta' skart separat. Il-Kunsill iddiskuta dan is-suġġett fid-

dawl ukoll li diġa saret laqgħa minn Greenmt għall-membri tal-Kunsilli Lokali kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv attenda għal din il-laqgħa tal-Greenmt u spjega lill-membri dwar l-iskema offruta lill-Kunsilli Lokali t'Għawdex bħala reġjun. Ta' Greenpak minn naħa tagħhom diġa kienu ltaqgħu mas-Sindku u mas-Segretarju Eżekuttiv fejn informawna dwar l-iskema tagħhom iżda issa ser issir laqgħa oħra fuq bażi reġjonali, għall-Kunsilli Lokali t'Għawdex kollha. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandna nistennew il-proposta ta' Greenpak fuq bażi reġjonali u wara niddeċiedu liema skema hija l-aktar vantaġġjuża għall-Kunsill tagħna.

ii. L-AKL infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar skema li għandha l-Malta Communications Authority fejn qed toffri kompjuters refurbished b'xejn. Il-Kunsill qabel li għandna naplikaw f'din l-iskema.

iii. L-AKL infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar proġett ta' Youth in Action li ser isir fi Spanja f'Marzu tas-sena 2010. L-AKL qed titlob li l-Kunsilli jinnominaw żgħażagħ biex jipparteċipaw f'dan il-proġett. Il-Viċi Sindku nnomina lil Michael Gatt u Luke Galea biex jieħdu sehem f'dan il-proġett. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dawn in-nomini u għalhekk l-AKL se jiġu nfurmati dwar dan.

iv. Is-Segretarju tal-Action Committee dwar il-Proġett tal-Park Reġjonali fil-Wied ta' Mġarr ix-Xini, George Azzopardi nforma lill-Kunsill dwar l-iskav li huwa pprogrammat li jsir is-sena d-dieħla. Is-Sindku nfurmat ukoll lill-Kunsill li kienet attendiet għal-laqgħa ta' nformazzjoni dwar l-istess proġett li saret fit-18 ta' Novembru fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Sannat. Għal din il-laqgħa kienu mistiedna l-membri kollha taż-żewġ Kunsilli u l-membri tal-Action Committee. Preżenti għal dik il-laqgħa kien hemm ukoll is-Segretarju Eżekuttiv.

v. Is-Superjara tal-Museum tal-Bniet, Maria Vella, talbet l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill biex tiġi organizzata Jum il-Premjazzjoni. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali kif ġiet emendata wara r-riforma, ma jistgħux isiru donazzjonijiet lill-ebda għaqda jew entita oħra. Għalhekk il-Kunsill qabel li ma nistgħux nagħtu donazzjoni lill-Museum kif talbet is-Superjura. Il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lis-Superjura Maria Vella dwar dan u anke ngħaddulha kopja tal-Artiklu 63A għall-informazzjoni tagħha.

vi. Gozo Bird Breeders Society staqsew lill-Kunsill Lokali jekk hux se jieħu sehem fil-wirja annwali tal-għasafar fejn jingħata trofew lir-rebbieħ mil-lokalita ta' kull raħal. Il-Kunsill qabel li għandna nieħdu sehem f'din il-wirja u għalhekk se jinxtara trofew.

vii. Il-Moviment ta' Kana Għawdex informa lill-Kunsill dwar il-konkors 'Familja Qalb tad-Deheb 2009'. Il-membri tal-Kunsill huma imħeġġa biex jinnominaw familja mir-raħal tagħna biex tipparteċipa f'dan il-konkors.

## 4. Materja oħra

i. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Perit Edward Xerri kien bagħat id-dokumenti tal-offerta għall-bini ta' latrina pubblika fil-playing field ta' Triq Ħamrija.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandna noħorġu sejħa għall-offerti. Il-Perit Xerri nforma lill-Kunsill li meta jkun hemm is-smigħ tal-Mepa dwar il-permess tal-istess latrina pubblika huwa ser jattendi biex jara f'hiex wasal il-proċess biex jinħareġ il-permess tal-Mepa u b'hekk ikun jista' jibda ix-xogħol. Is-Sindku nfurmat ukoll lill-Kunsill li l-applikazzjoni tagħna għal fondi speċjali u li kienet proprju dwar din il-latrina pubblika, kienet ġiet aċċettata u ser ningħataw €20,000. Is-Sindku u s-Segretarju attendew għal-laqgħa li saret mis-Segretarju Parlamentari l-Onor Dr Chris Said fejn il-Kunsill ingħata dawn il-fondi. Il-laqgħa saret nhar l-Erbgħa 2 ta' Diċembru, fil-Mużew tal-Arkeoloġija, il-Belt Valletta.

ii. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill dwar laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija li attenda għaliha peress li s-Sindku kienet indisposta. F'din il-laqgħa s-Supretendent ppropona biex isiru bollards f'toroq li jkollhom bżonn jingħalqu waqt attivitajiet li jsiru fir-raħal bħal per eżempju l-festa tar-raħal, il-karnival u attivitajiet oħra. Huwa ppropona wkoll sabiex il-Kunsilli Lokali jkompli jagħtu l-għajnuna tagħhom biex jitranġaw l-għases. Proposta oħra kienet dwar edukazzjoni kemm lit-tfal tal-iskola kif ukoll lill-ġenituri. Huwa qal li anke lest li jiġi hu u uffiċċjali oħra tal-Pulizija biex jagħmlu laqgħat adattati għat-tfal u għall-ġenituri. Is-Supretindent saħaq fuq l-importanza li n-nies jgħaddu informazzjoni lill-Pulizija meta jkun hemm suspetti dwar xi serq jew kriminalita oħra. Il-Kunsill qabel li għandna nikkoperaw mal-Pulizija. Il-Kunsill ma qabilx dwar il-proposta biex isiru bollards iżda għandhom jintużaw il-barriers u jitneħħew hekk kif tispiċċa l-attivita.

iii. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-possibilta li jinxtara post ieħor akbar minn dak li għandna fil-preżent biex jintuża bħala uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill qed jiltaqa' ma' diffikultajiet speċjalment meta jkolna laqgħat li għalihom ikunu mistiedna aktar persuni jew jattendu aktar persuni mill-pubbliku. Il-Kunsill għandu wkoll problema fejn għandu jiġbor materjal li jkun xtara bħal per eżempju t-tiżjin tal-Milied, għodda li jintużaw mill-ħaddiema tal-Kunsill u anke fejn jitpoġġew id-dokumenti qodma. Għalhekk il-bżonn li l-Kunsill jibda jaħseb biex jixtri post akbar diġa qed jinħass. Il-membri tal-Kunsill għandhom jesploraw dwar x'possibiltajiet għandna biex nixtru post adattat u li jkun fiċ-ċentru tar-raħal.

iv. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-possibilta li l-pjazza tar-raħal tagħna tingħata dehra isbaħ. Il-Kunsill qabel li għandna niltaqgħu mal-Perit Saliba biex ninfurmawh bl-idejat tagħna u b'hekk huwa jagħmel pjanta u wara naraw xi proġett ta' tisbiħ nistgħu inwettqu.

v. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi organizzata l-ikla tal-Milied għall-membri kollha tal-Kunsill, il-ħaddiema kollha u l-familjari tagħhom. Se jiġu mistiedna wkoll il-membri tas-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ, il-Perit John Saliba u l-Av. Kevin Mompalao.

*F'dan il-ħin il-Kunsilliera Marthese Portelli nfurmat lill-Kunsill li ma setgħetx tkompli tattendi għal din il-laqgħa*

vi. Il-Kunsillier Hubert Saliba informa lill-Kunsill li dan l-aħħar fi Triq Mġarr fejn l-entratura għal tal-Barmil HOS reġgħa kien hemm inċident tat-traffiku ikrah. Huwa ssuġġerixxa li nerġgħu niltaqgħu mal-Perit Walter Portelli li huwa l-Perit inkarigat mix-

xogħlijiet li ser isiru fl-istess triq mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill qabel li għandna nerġgħu nitolbu laqgħa mal-Perit Walter Portelli.

vii. Joseph Pace ilmenta mal-Kunsill dwar l-istat ta' Triq Majmuna fejn għad m'hemmx asfalt. Huwa talab li din it-triq tiġi livellata biż-żrar. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li dan l-ilment kien għaddih ukoll permezz tal-Customer Care peress li triq mhux asfaltata hija responsabilta tal-Gvern Ċentrali (Rif: 2300902427583). Il-Kunsill qabel li jekk minn naħa tal-Gvern Ċentrali jibqa' ma jsir xejn nillivellaw t-triq aħna biż-żrar u ramel u b'hekk ir-residenti ma jibqgħux ibatu minn dan l-inkonvenjent.

viii. Il-Kunsill qabel li għandna niġbru kwotazzjonijiet għall-xiri ta' cold asphalt, kiri ta' romblu u kiri ta' trakk biex meta jasal iż-żmien li nagħmlu l-patching ikolna l-kuntrattur magħżul u x-xogħol ikun jista' jsir fl-iqsar żmien possibbli.

ix. Francis Xuereb ilmenta dwar l-bankina tal-Pjazza kantuniera ma' Triq il-Knisja peress li dik il-parti tiżloq. Il-Kunsill diġa iddiskuta dwar il-proġett tal-Pjazza u għalhekk din tinbidel meta jkun ser isir dan il-proġett.

x. Irene Pace lmentat mal-Kunsill dwar skart li hemm fl-inħawi ta' Lambert u anke dwar biex jinbena reċint fi Triq Ħġejjeġ kantuniera ma' Triq tal-Kanal. Dwar skart fl-inħawi Ta' Lambert, il-Kunsill kemm 'l darba naddaf dawn l-inħawi u kull darba qed jerġa' jintefa' skart minn nies irresponsabbli. Il-Kunsill qabel li niġbru stimi għal xogħol ta' tindif ta' skart inkluż terrapien. Wara il-Kunsill jkun jista' għal darb'oħra jnaddaf dawn l-inħawi. Dwar ta' Triq tal-Kanal kantuniera ma' Triq Ħġejjeġ il-Kunsill qabel li nkellmu lis-sidien ta' dawn il-plots biex navżawhom itellgħu r-reċint.

xi. Salvu Pace ta' 57 Triq Manwala talab sabiex titranġa il-bankina tiegħu bis-siment peress li tinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel li għandu jsir dan ix-xogħol mill-ħaddiema tal-Kunsill.

xii. Paul Vella li joqgħod Triq tal-Kanal ssuġġerixxa lill-Kunsill biex jeħlu tabelli fid-daħla ta' Ġnien ta' Blinkas li jindikaw li f'dan il-ġnien ma jistgħax isir sparar. Huwa qal li xi nies irresponsabbli qed jisparaw u anke jagħmlu ħsara lis-siġar stess peress li jisparaw direttament lejn is-siġar bil-konsegwenza li anke tqaċċtu xi zkuk. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu tabelli li jindikaw li ma jistgħax isir sparar fi Ġnien ta' Blankas.

Il-Laqgħa spiċċat fid-9.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 8 ta' Jannar, 2010 fis-6.30pm.

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Av. Monica Vella
Sindku